# Ir-Riforma Edukattiva: Iċ-Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja

minn Leonard Grech (Dan l-artiklu kien ippubblikat għall-ewwel darba: *L-Orizzont*, 27-10-2009)

***Streaming***

Bħal daż-żmien sena tgħidx kemm tkellimna dwar ir-riforma edukattiva. Bla dubju ta' xejn in-nies ħadu l-akbar interess fejn jidħol l-i*streaming* u fejn jidħol l-eżami tal-Junior Lyceum kif ukoll dak tal-Common Entrance.
Klassi tal-ħames sena tal-Primarja llum issibilha tfal ta' abbiltajiet imħallta. Il-ħila akkademika żgur li mhix l-unika kriterju kif it-tfal qed jintagħżlu biex jiffurmaw klassi. Dan ifisser li t-tneħħija tal-i*streaming* bdiet titħaddem.

**L-Eżami tal-Junior Lyceum**

Dwar l-eżamijiet tal-Junior Lyceum u tal-Common Entrance nafu li l-aħħar edizzjonijiet tagħhom mistennija li jkunu f'Mejju li ġej, jiġifieri tal-2010. Imbagħad jidħol fis-seħħ eżami nazzjonali tal-primarja li jżomm l-istess standard bħal dak tal-Junior Lyceum. Dan mhux se jkun eżami silettiv u għalhekk tkun spiċċat is-sistema li dawk li jgħaddu jmorru f'Junior Lyceum u dawk li ma jgħaddux imorru f'Sekondarja. L-istudenti li jidħlu fil-Form 1 f'Settembru 2011 ikunu fi klassijiet b'abbiltajiet imħallta, imma mhux bilfors ikunu flimkien il-ġurnata kollha. Aktarx jiġri li f'suġġetti bażiċi, fosthom Ingliż u Matematika, ikunu mifrudin biex isegwu programmi ta' studju addattati għalihom. Hekk ħadd ma jbati. Ikun f'rotta tajba għalih u għalhekk jiġri skont kemm jiflaħ.

**Eżamijiet**

Ġaladarba l-istudenti jkunu qed isegwu programmi differenti jagħmel sens li huma jkollhom eżamijiet skont il-livell li jkunu fih. Stefan tajjeb fil-Matematika u qed jagħmel programm tal-ogħla livell. Ejja ngħidu li f'eżami annwali jġib 70 fil-mija. Mill-banda l-oħra Stefan huwa batut fl-Ingliż u qed isegwi programm ta' livell anqas għoli minn dak li qed isegwi fil-Matematika. Allura l-livell tal-eżami jkun ukoll anqas għoli. Ejja ngħidu li fl-eżami annwali jġib 70 fil-mija, jiġifieri l-istess marka bħal tal-Matematika. Iżda wieħed malajr jifhem li s-70 fil-mija fil-Matematika għandhom valur aktar għoli mis-70 fil-mija fl-Ingliż. Dan li qed ngħid jista' jiġri wkoll għal suġġetti oħra.

**Assessjar tal-Għalliema**

Minbarra l-marki tal-eżamijiet, l-istudenti jingħataw ukoll marki mill-għalliema tagħhom għal kull suġġett li jkunu qed jistudjaw fis-Sekondarja. Qed nirreferi għal dak li bl-Ingliż ngħidulu *Teacher Assessment*. Din il-marka wkoll tkun abbinata mal-livell tal-programm li tkun qed issegwi l-istudenta. Għalhekk wieħed irid jara l-marka vis-à-vis t-toqol tal-programm. Dan se jkun jgħodd għas-snin kollha mill-Form 1 sal-Form 5.

***School Leaving Certificate***

S'issa kienet il-prattika li l-istudenti tagħna jingħataw Ċertifikat fl-aħħar tal-Form 5. Dan iċ-Ċertifikat insibuh bħala *School Leaving Certificate*. Fost l-oħrajn l-istudenti jkollhom il-marki tal-eżamijiet u tal-għalliema tal-ħames sena. Ikun hemm ukoll referenza għall-attendenza u għal mod kif wieħed iġib ruħu. Wieħed malajr jinduna li dan iċ-Ċertifikat mhuwiex mera tax-xogħol u tal-istinkar tal-istudenti matul il-ħames snin. Allura jeħtieġ li jieħu sura ġdida biex ikun aktar ġust mal-istudenti.

**Proposta**
Qed jiġi propost li fl-aħħar tal-Form 5 l-istudenti jingħataw folder li fih ikun hemm Ċertifikat kif ukoll *transcript*. Jekk l-istudenta tilħaq l-istandard meħtieġ, iċ-Ċertifikat ikollu l-bolla tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki. Iċ-Ċertifikat ikun tal-Ewwel Livell tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki u tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-Tagħlim Tul il-Ħajja. Dan iċ-Ċertifikat ikun wieħed ta' Distinzjoni, Merit jew Pass. Student li ma jilħaqx il-livell mistenni minnu jingħata Ċertifikat xorta waħda imma ma jkollux il-bolla tal-Kunsill imsemmi.
Minbarra ċ-Ċertifikat propja jkun hemm ukoll it-*transcript* li fuqu jkunu jidhru l-marki kollha u li għalhekk jinħadem fuqu ċ-Ċertifikat.
X'se jkun fih it-*transcript*? Minbarra d-dettalji personali se jkollu ħames taqsimiet u kull taqsima jkollha l-marki ddedikati għaliha.

**Edukazzjoni Formali**
Waħda mit-taqsimiet tkun rekord sħiħ tal-marki kollha tas-suġġetti kollha li jkun tgħallem l-istudent tul il-ħames snin. Dawn il-marki jinkludu l-eżamijiet annwali u l-marki tal-għalliema. Ikun hemm ukoll il-livell tat-toqol tal-programm segwit f'kull suġġett mill-istudenta. Dan jagħti tifsira ftit aktar ċara tal-marki tal-istudenta. Imma mbagħad ikun hemm ukoll il-livell tal-kisbiet li laħqet l-istudenta. Dan il-livell ma jkunx abbinat mat-toqol tal-programm segwit imma abbinat ma' standards nazzjonali li diġà ġew żviluppati imma qed jiġu rfinuti. Dan li qed ngħid huwa meħtieġ biex inkunu żguri li l-livell imsemmi ma jkunx wieħed relattiv. Irridu li l-miżura tkun waħda għall-istudenti kollha tal-iskejjel kollha.

**Edukazzjoni Mhux Formali**
Din tinkludi attivitajiet li jsiru fl-iskola barra mill-ħin tal-lezzjonijiet u li s'issa ma kinux jingħataw importanza fiċ-Ċertifikat li l-istudenti jieħdu fl-aħħar tal-Form 5. Dawn l-attivitajiet jistgħu jkunu varji: sports, drama, kompetizzjonijiet, wirjiet u min jaf kemm affarijiet oħra li jidħlu fil-kalendarju tal-iskola fuq medda ta' ħames snin. Fuq it-*transcript* se jkun hemm post għal kull sena fejn jitniżżlu dawn l-affarijiet. B'hekk l-istudent ikollu inċentiv biex jieħu sehem u jkabbar fih ħiliet li mhux bilfors jiżviluppahom waqt lezzjonijiet formali.

**Edukazzjoni Informali**
Din tinkludi attivitajiet li l-istudenta tieħu sehem fihom barra mill-iskola u li jista' jkollhom valur edukattiv kbir ħafna. Jekk aħna qed nippruvaw nibnu profil tal-istudent għaliex m'għandniex inniżżlu li huwa qed jitgħallem strument mużikali fil-każin tal-banda, jew li studenta qiegħda fi grupp li jżuru tfal orfni fi tmiem il-Ġimgħa? Għandna studenti jgħaġġbuk bil-ħiliet tagħhom. Imma dawn il-ħiliet qatt ma jissarrfu fil-ħajja tal-iskola. Dan mhux sew. Nixtiequ nressqu lejn xulxin l-iskola u l-ħajja tal-istudenti barra mill-iskola. Għandna nirrikonoxxu dak li jistħoqqlu jiġi rikonoxxut. Biex niżguraw il-ġenwinità tal-każ nissuġġerixxu li l-għaqda li fi ħdanha ssir l-attività għandha tkun waħda rreġistrata u li l-istudent għandu jippreżenta karta li tawtentika s-sehem attiv tiegħu fl-għaqda.

**Kwalitajiet Personali**
Il-proposta hi li din it-taqsima wkoll ikollha postha fit-*transcript*. Għandna f'moħħna kwalitajiet bħal sens ta' tmexxija, puntwalità, responsabbiltà, bżulija, inizzjattiva u kreattività, kif ukoll il-kwalità sabiha li wieħed ikun altruwist. Hemm kwalitajiet oħra

li wieħed jista' jniżżel, dejjem skont il-każ tal-istudent partikolari. Fuq it-*transcript* ikun hemm il-kwalitajiet li żviluppa l-istudent. Dawk il-kwalitajiet li l-istudent ma żviluppax jitħallew barra. Dan id-dokument irid ikun wieħed ta' kisbiet u ma nixtiquhx jaħdem kontra l-interessi tal-istudent. Wieħed jifhem, madankollu, li jekk hemm kwalità li tħalliet barra sinjal li l-istudent huwa dgħajjef fiha.

**Attendenza**

L-edukaturi kollha jisħqu kemm l-attendenza hija meħtieġa. Fuq it-*transcript* se jkun hemm post fejn titniżżel l-attendenza għal kull sena tal-edukazzjoni Sekondarja. Issib studenti li jfallu ħafna speċjalment fil-Form 4 u 5. Irridu nsibu metodi, anke kurrikulari, biex l-attendenza fost dawn l-istudenti tiżdied.

**L-Isem taċ-Ċertifikat**

S'issa konna nsibuh bħala *School Leaving Certificate.* Il-kelma 'leaving' ma ddoqqx speċjalment meta wieħed jiftakar fil-kunċett ta' edukazzjoni tul il-ħajja. Għalhekk qed nissuġġerixxu li bl-Ingliż insejħulu 'Certificate of Secondary Education' u bil-Malti 'Ċertifikat tal-Iskola Sekondarja'.

**Konklużjoni**

Nixtiequ l-opinjoni tal-qarrejja dwar dak li ntqal hawn. Kollox għadu jista' jinbidel. Ċemplu fuq *freephone* 1571 jew iktbu fuq skola@gov.mt .
Tislijiet lill-qarrejja kollha.

---